31996D0641

15.11.1996 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 292/31

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-28 ta' Ottubru 1996

## dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-għamla ta' bdil ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu dwar l-aġġustament tar-reġim għall-importazzjoni fil-Komunità ta' larinġ li joriġina minn u li ġej mill-Eġittu

(96/641/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi, fil-kuntest tar-Rawnd ta' l-Urugwaj dwar in-negozjar tal-kummerc multilaterali, ir-reġim ta' l-importazzjoni għal-larinġ ġie mibdul;

Billi dan ir-reġim il-ġdid jista' jkollu effett negattiv fuq l-importazzjoni tradizzjonali tal-Komunità mill-Eġittu;

Billi l-Artikolu 22 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu ([1]) jipprovdi li, fejn ir-regoli eżistenti huma modifikati, il-Komunità tista' temenda r-reġim stabbilit fil-Ftehim għall-prodotti in kwistjoni;

Billi l-Komunità qablet mar-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu li, sakemm jigi maqbul il-Ftehim il-ġdid Ewro-Mediterranju, l-imsemmi reġim ikun aġġustat fuq il-bażi ta' Ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri;

Billi l-Ftehim ta' l-aħħar għandu issa jiġi approvat;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*L-Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu dwar l-aġġustament tar-reġim għall-importazzjoni fil-Komunità ta' larinġ li joriġinaw minn u ġejjin mill-Eġittu huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*L-Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa tiffirma l-Ftehim sabiex torbot lill-Komunità ([2]).

*L-Artikolu 3*

Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Ftehim, li jkunu konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 ([3]).

Magħmula fil-Lussimburgu, fit-28 ta' Ottubru 1996.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. SPRING

([1]) ĠU L 266, tas-27.9.1978, p. 1.

([2]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 tat-18 ta' Mejju 1972 dwar l-organizzazzjoni tas-suq tal-frott u l-ħxejjex (ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1363/95 (ĠU L 132, tas-16.6.1995, p. 8).